

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Tqegħid Ta' Minuri F'pajjiż Ieħor Inkl. F'foster Family Malta

Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Liema awtorità għandha tiġi kkonsultata u biex jingħata kunsens minn qabel qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tiegħek?

F'konformità mal-Artikolu 41 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), [il-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta](#), l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) hija l-Awtorità Ċentrali nnominata responsabbli għall-fostering. Skont l-Artikolu 42(d) tal-istess Att, waħda mill-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali hija li tirċievi talbiet mingħand persuni barranin li jkunu approvati bħala foster carers f'pajjiż ieħor jew mingħand aġenziji akkreditati, u li tgħaddi dawn it-talbiet lid-Direttur tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażaġħ) tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). Skont l-Artikolu 36A tal-istess Att, id-Direttur tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażaġħ) għandu għadd ta' funzjonijiet u responsabbiltajiet, inklużi t-tlaqqiġ ta' foster carers ma' minuri li jkunu se jitqiegħdu f'foster care u l-aċċertament li kull tqegħid f'foster care jkun fl-aħjar interess tal-minuri. Il-foster care tista' sseħħ biss wara ftehim bil-miktub bejn id-Direttur tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażaġħ) u l-foster carer.

L-Awtorità Ċentrali fi ħdan l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali

Indirizz: 469, Institut Bugeia, Triq il-Kbira San Ġużepp Sta Venera, SVR 1012, MALTA

Telefown: +356 2549 4400

Indirizz tal-posta elettronika: info.scsa@gov.mt

2 ekk jogħgħbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura għall-konsultazzjoni u l-kisba tal-kunsens (inklużi d-dokumenti meħtieġa, l-iskadenzi, il-modalitajiet tal-proċedura, u dettalji rilevanti oħra) għat-tqegħid transfruntier tat-tfal fit-territorju tiegħek

Sabiex issir ir-reġistrazzjoni ta' tqegħid transfruntier f'Malta, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti trid titlob il-kunsens tal-Awtorità Ċentrali ta' Malta (SCSA). Trid tintalab u tiġi sottomessa talba lill-SCSA.

Il-proċedura hija kif ġej:

i. L-Awtorità Ċentrali ta' Malta għandha tirċievi formola ta' applikazzjoni mimlija kif xieraq flimkien mad-dokumentazzjoni mitluba (imsemmija hawn taħt). Din l-applikazzjoni għandha tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti. Id-dokumentazzjoni mitluba kollha għandha tintbagħat bil-lingwa Maltija jew Ingliża biss.

ii. Ladarba tasal il-formola tal-applikazzjoni, l-Awtorità Ċentrali ta' Malta tistabbilixxi liema tip ta' tqegħid ikun

qed jiġi kkunsidrat.

iii. L-Awtorità Ċentrali ta' Malta tibgħat l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' Malta, pereżempju, f'każijiet ta' fostering transfruntier, dokumentazzjoni bħal din tintbagħat lid-Direttorat tal-Kura Alternattiva. Fil-każijiet kollha, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-applikazzjonijiet fuq il-bażi tal-għarfien espert tagħhom, u tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa lill-aspetti li ġejjin ta' tqegħid: edukattivi/pedagoġiċi, appoġġ legali, psikosoċjali/psikjatriku u sikurezza/protezzjoni tat-tfal.

iv. Imbagħad, l-Awtorità Ċentrali ta' Malta tkun f'pożizzjoni li tikkomunika d-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti Maltin dwar it-tqegħid transfruntier tat-tfal lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti. It-tqegħid ma jistax jibda qabel ma l-Awtorità Ċentrali ta' Malta tkun tat il-kunsens tagħha wara konsultazzjoni mad-Direttur tal-Kura Alternattiva. Imbagħad, l-awtorità ċentrali tal-Istat rikjedenti tikkomunika d-data tal-bidu tat-tqegħid transfruntier lill-Awtorità Ċentrali ta' Malta.

Hawn taħt hawn lista ta' dokumenti li jridu jiġu sottomessi mal-applikazzjoni:

1. kopja tal-karta tal-identità/tal-passaport tal-omm, tal-missier u tat-tfal;
2. iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tfal;
3. dikjarazzjoni ta' ħarsien u ta' kustodja; u
4. kwalunkwe dokumentazzjoni oħra meqjusa neċessarja.

3 L-Istat Membru tiegħek iddeċieda li mhuwiex meħtieġ il-kunsens għal tqegħid transfruntier ta' tfal fit-territorju tiegħek fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti? Jekk iva, x'inhuma l-kategoriji ta' qraba stretti?

Le. Kull tqegħid taħt foster care jrid jiġi rreġistrat mal-Awtorità Ċentrali u għandu jintalab il-kunsens skont il-proċedura stabbilita fit-tweġiba għall-mistoqsija 2.

4 L-Istat Membru tiegħek għandu fis-seħħ xi ftehimiet jew arranġamenti għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid transfruntier tat-tfal?

Le. Il-proċedura hija kif deskritta fit-tweġiba għall-mistoqsija 2. Hija proċedura effiċjenti, bl-għan li ma ttawwal l-ebda deċiżjoni, filwaqt li tiżgura l-aħjar interess tal-minuri involuti.

L-aħħar aġġornament: 08/12/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.